# IL-KNISJA PARROKKJALI TAS-SALVATUR

(tagħrif miġbur mill-editur)

Kull parroċċa għandha l-knisja ewlenija tagħha. Meta ssir parroċċa ġdida, jekk ma jkunx hemm post fejn jistgħu jiltaqgħu l-insara għat-talb u għas-sagrifiċċju tal-Quddiesa, l-ewwel biċċa xogħol tal-kappillan tkun dik li jibni knisja.

Qabel ma Ħal Lija saret parroċċa l-antenati tagħna kienu jiltaqgħu fil-knisja ta' Sant'Andrija, li għada wieqfa sa llum. Meta saret parroċċa fis-6 ta' Frar 1594, l-Isqof iddeċieda li l-ewwel kappillan, Dun Mario Grech, fit-18 ta' Frar tal-istess sena, jieħu l-pussess f'dik tas-Salvatur. Din il-knisja ma kenitx fil-qalba tar-raħal, iżda kienet akbar minn dik ta' Sant'Andrija.

## IL-KNISJA TITKABBAR

Dak iż-żmien fiż-Żejtun kienet qed titkabbar il-knisja ta' San Girgor. Qabel kienet daqs tas-Salvatur. Din il-ħaġa għoġbot lin-nies ta' Ħal Lija, u wara ftit snin għamlu bħalhom. Il-Knisja tas-Salvatur kabbruha u saret id-doppju li kienet qabel, jekk mhux iżjed. Bħal taż-Żejtun, bnewlha wkoll koppla, li kienet l-ewwel waħda f'Malta li kellha erba' twieqi, li minnhom kien jidħol id-dawl għall-knisja kollha. Dan ix-xogħol sar sas-sena 1612.



Fis-seklu sbatax ħafna parroċċi raw li l-knisja tagħhom saret ċkejkna. Iżda dehrilhom li ma kienx jaqbel li jkabbru l-knejjes żgħar li kellhom, iżda kien aħjar li jibnu waħda ġdida. Hekk ġara' f'Ħ'Attard, il-Mosta, Ħal Tarxien, Ħaż-Żebbuġ, Ħal Qormi u Ħal Balzan. Dak iż-żmien fil-Belt il-Ġdida, Valletta, kienet qed timbena l-knisja tal-Ġiżwiti, eżempju kif kellhom jimbnew il-knejjes ta' dak iż-żmien, forma ta' Salib latin.

Biex tagħqad, fil-11 ta' Jannar 1693 sar terremot u għamel ħsara kbira, l-iżjed fil-Kattidral antik tal-Imdina. Dan ma setax jissewwa, iżda kellu jimbena mill-ġdid minn Lorenzo Gafa'.

## TIMBENA KNIISJA ĠDIDA

Dak iż-żmien f'Ħal Lija kien jgħix l-arkitett Giovanni Barbara, li twieled fiż-17 ta' Frar 1642 u kien laħaq Capomastru tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Il-Kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Anton Camilleri u l-qassisin ta' Ħal Lija, bdew jaraw il-knejjes il-ġodda qed jimbnew, forma ta' salib latin, u li kollha kien fihom il-kor, minn fejn setgħu ikantaw u jassistu għall-funzjonijiet. Kellmu lill-arkitett Ġanni Barbara u wrewh li xtaqu jibnu knisja ġdida.

Wara li fil-21 ta' Ottubru 1693 għamlu talba lill-isqof, inxtrat għalqa bil-prezz ta' 200 skud minn għand Ġakbu Galea, li kienet fil-qalba tar-raħal. Il-kuntratt sar fis-sitta ta' Novembru 1693, Il-ġbir għall-knisja beda fl-1 ta' April 1694 u dam sejjer tal-1709.

## TIMBENA F'SITT SNIN

L-ewwel ġebla tqiegħdet fil-20 ta' Mejju 1694 mill-Isqof ta' Malta D. Cocco Palmieri u damet timbena sitt snin biss. Dan għaliex f'dak iż-żmien f'Ħal Lija kien hawn ħafna ħaddiema fil-ġebel u ħafna minnhom taw xogħol b'xejn, kif għamel ukoll l-istess arkitett Ġanni Barbara, li barra milli kien prokuratur tal-knisja l-ġdida, ma ħa xejn għat-taħbit tiegħu.

Fl-istess żmien li kienu tilgħin il-ħitan, il-kappillan ħaseb biex iqabbad lil min jaħdem l-iskultura. Dan ix-xogħol sar fl-1696 fil-kapitelli, sena wara fit-twieqi u fl-1700 fil-koppla. B'hekk il-knisja setgħet tiġi mbierka f'Lulju 1702, ftit qabel il-festa.

Fl-1702 inxtrat biċċa art oħra wara l-knisja sabiex timbena fiha s-sagristija.

L-ispiża tal-bini tal-knisja laħqet is-somma ta' elf disa mija u tnejn u disgħin skud, li dak iż-żmien kienet somma mhux ħażin.

Wara aktar minn 300 sena l-knisja llum għandha bżonn ta' xi restawr, xogħol li issa ilu sejjer għal xi snin. Huwa dmir tagħna lkoll li nsaħħu dak li ħadmu għalih missirijietna u ngħadduha lil ta' warajna, sabiex dawn jistgħu jinġabru jitolbu fiha u jħossuhom kburin li qegħdin f'waħda mill-isbaħ knejjes ta' Malta.

........................

Riferenzi: *Vincent Borg, Andre' Zammit, Rafel Bonnici Cali', IL-KNISJA PAROKKJALI TA' ĦAL LIJA, Storja – Arkitettura – Pittura, 1982*